DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/315

tal-14 ta' Frar 2025

li tistabbilixxi mudell għan-notifika tal-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 27(6) tiegħu,

Billi:

(1) L-istabbiliment ta' żona fejn il-persuni huma liberi li jiċċirkolaw mingħajr fruntieri interni huwa wieħed mill-kisbiet ewlenin tal-Unjoni. Għalhekk, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni jenħtieġ li tibqa' eċċezzjoni u jenħtieġ li tkun biss miżura tal-aħħar istanza.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/399 jobbliga lill-Istati Membri jinnotifikaw kif xieraq kwalunkwe deċiżjoni li jintroduċu mill-ġdid tali kontrolli fil-fruntieri lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi mudell għan-notifiki mill-Istati Membri tal-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

(4) Il-mudell jenħtieġ li jinkludi l-elementi kollha li l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu skont ir-Regolament (UE) 2016/399 biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-konformità mal-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

(5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1717 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u tar-Regolament (UE) 2016/399 u ma hijiex marbuta bihom jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom. Madankollu, minħabba li r-Regolament (UE) 2024/1717 jimxi fuq il-passi tal-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, fid-19 ta' Novembru 2024 innotifikat id-deċiżjoni tagħha li timplimenta r-Regolament (UE) 2024/1717 fil-liġi nazzjonali tagħha. Għaldaqstant, id-Danimarka hija marbuta bid-dritt internazzjonali li timplimenta din id-Deċiżjoni.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([3]). Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(7) Fir-rigward ta' Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq, jew li b'xi mod ieħor huwa relatat, mal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

([1]) ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/1717 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (ĠU L, 2024/1717, 20.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1717/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/192/oj).

(8) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([4]) ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([5]).

(9) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([6]) ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([7]).

(10) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([8]) ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([9]).

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mudell għan-notifika tal-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni, kif imsemmi fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2016/399, għandu jkun kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1999/439(1)/oj.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj).

([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/146/oj).

([8]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/350/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Notifika ta' introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni jew l-estensjoni tiegħu

1. **Notifika sottomessa minn:**

Jekk jogħġbok speċifika l-Istat(i) Membru/i.

2. **Data tan-notifika:**

Jekk jogħġbok speċifika d-data tas-sottomissjoni tan-notifika.

3. **Id-data u d-durata tal-introduzzjoni mill-ġdid jew tal-estensjoni ppjanata tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni (l-Artikolu 27(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/399:**

Jekk jogħġbok speċifika d-data u d-durata. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni taż-żmien, l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni hija preżunta li tidħol fis-seħħ f'nofsillejl (00:00) fl-ewwel data tal-introduzzjoni mill-ġdid jew tal-estensjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

4. **Kamp ta' applikazzjoni tal-introduzzjoni mill-ġdid jew tal-estensjoni proposta tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni, bl-ispeċifikazzjoni ta' fuq liema parti jew partijiet mill-fruntieri interni se jiġu introdotti mill-ġdid jew estiżi l-kontrolli fuq il-fruntieri (l-Artikolu 27(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2016/399)**

Jekk jogħġbok speċifika l-parti jew il-partijiet tal-fruntieri interni, kif ukoll it-tip ta' fruntiera (art, baħar, ajru) fejn se jiġu introdotti mill-ġdid jew estiżi l-kontrolli fuq il-fruntieri.

5. **Notifika għal:**

☐ l-ewwel introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni (avveniment imprevedibbli): L-Artikolu 25a(1) tar-Regolament (UE) 2016/399

☐ estensjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni (avveniment imprevedibbli): L-Artikolu 25a(3) tar-Regolament (UE) 2016/399

Perjodu/i ta' introduzzjoni mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni:

Jekk jogħġbok indika d-dati tal-introduzzjonijiet mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

☐ l-ewwel introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni (avveniment prevedibbli): L-Artikolu 25a(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/399

☐ estensjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni (avveniment prevedibbli): L-Artikolu 25a(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/399

Perjodu/i ta' introduzzjoni mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni:

Jekk jogħġbok indika d-dati tal-introduzzjonijiet mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

☐ estensjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni wara sentejn (2), minħabba sitwazzjoni eċċezzjonali maġġuri: L-Artikolu 25a(6) tar-Regolament (UE) 2016/399

Perjodu/i ta' introduzzjoni mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni:

Jekk jogħġbok indika d-dati tal-introduzzjonijiet mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

☐ estensjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni wara sentejn (2) u sitt (6) xhur, minħabba sitwazzjoni eċċezzjonali maġġuri: L-Artikolu 25a(6) tar-Regolament (UE) 2016/399

Perjodu/i ta' introduzzjoni mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni:

Jekk jogħġbok indika d-dati tal-introduzzjonijiet mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

☐ introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni f'konformità ma' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill: L-Artikolu 28(1) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/399

Importanti: Kontinwazzjoni ta' introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni ma għandhiex għalfejn titqies bħala estensjoni jekk it-theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna li fuqha tkun ibbażata tkun differenti mit-theddida serja li kienet immotivat l-introduzzjoni mill-ġdid preċedenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni. Jekk dan ikun il-każ, jekk jogħġbok aġħti notifika tal-ewwel introduzzjoni mill-ġdid u speċifika n-natura ġdida u distinta tat-theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna skont il-punt 7.

6. **F'każ li n-notifika għal avveniment prevedibbli ssir inqas minn erba' ġimgħat qabel l-introduzzjoni mill-ġdid ippjanat jew l-estensjoni ppjanata tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni (l-Artikolu 25a(4), (5) u (6) tar-Regolament (UE) 2016/399):**

Jekk jogħġbok indika meta kienu saru magħrufa ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ħtieġa li jiġu introdotti mill-ġdid jew estiżi l-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

7. **Theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna, li tikkonsisti minn:**

☐ inċidenti jew theddid minn terroristi, u theddid ikkawżat minn kriminalità organizzata serja

Jekk jogħġbok speċifika u inkludi d-data rilevanti kollha bid-dettalji tal-avvenimenti li jikkostitwixxu theddida serja.

☐ emerġenzi tas-saħħa pubblika fuq skala kbira

Jekk jogħġbok speċifika u inkludi d-data rilevanti kollha bid-dettalji tal-avvenimenti li jikkostitwixxu theddida serja.

☐ sitwazzjoni eċċezzjonali kkaratterizzata minn movimenti mhux awtorizzati fuq skala kbira għal għarrieda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont it-tifsira tal-Artikolu 25(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2016/399

Jekk jogħġbok speċifika u inkludi d-data rilevanti kollha bid-dettalji tal-avvenimenti li jikkostitwixxu theddida serja. Jekk jogħġbok inkludi informazzjoni dwar in-natura f'daqqa tal-moviment mhux awtorizzat fuq skala kbira, il-pressjoni fuq ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti, il-livell ta' thejjija tal-awtoritajiet kompetenti, ir-riskju probabbli għall-funzjonament kumplessiv taż-żona mingħajr kontroll fuq il-fruntieri interni, u l-evidenza disponibbli mill-analiżi tal-informazzjoni u d-data kollha disponibbli, inkluż mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni.

☐ Avveniment internazzjonali fuq skala kbira jew ta' profil għoli

Jekk jogħġbok speċifika u inkludi d-data rilevanti kollha bid-dettalji tal-avvenimenti li jikkostitwixxu theddida serja.

☐ Oħrajn

Jekk jogħġbok speċifika u inkludi d-data rilevanti kollha bid-dettalji tal-avvenimenti li jikkostitwixxu theddida serja.

8. **Ismijiet tal-punti ta' qsim tal-fruntiera awtorizzati**

Jekk jogħġbok imla jew ehmeż fajl separat man-notifika. Jekk ma tiġi pprovduta l-ebda lista, jekk jogħġbok spjega.

9. **Miżuri meħuda minn Stati Membri oħra (jekk applikabbli)**

Jekk jogħġbok speċifika l-miżuri adottati minn Stati Membri oħra b'reazzjoni għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

10. **Valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità skont l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2016/399**

10.1. **Adegwatezza: spjega ta' kif l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni x'aktarx li tirrimedja b'mod adegwat it-theddida**

10.2. **Spjega dwar għaliex l-objettivi segwiti mill-introduzzjoni mill-ġdid ma jistgħux jinkisbu minn:**

— *l-użu ta' miżuri alternattivi bħal verifiki proporzjonati mwettqa fil-kuntest tal-verifiki fit-territorju kif imsemmi fl-Artikolu 23, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/399;*
— *l-użu tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23a tar-Regolament (UE) 2016/399;*
— *forom oħra ta' kooperazzjoni tal-pulizija previsti skont il-liġi tal-Unjoni;*
— *miżuri komuni rigward restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar lejn l-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 21a(2) tar-Regolament (UE) 2016/399).*

10.3. **L-impatt probabbli fuq il-moviment ta' persuni fiż-żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni u l-funzjonament tar-reġjuni transfruntiera**

Jekk jogħġbok inkludi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ta' mitigazzjoni previsti biex jillimitaw l-impatt fuq il-moviment liberu tal-persuni u l-funzjonament tar-reġjuni transfruntiera, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħaddiema tal-fruntiera u l-operaturi ekonomiċi, il-ħinijiet ta' stennija u l-konġestjoni tat-traffiku.
Jekk jogħġbok indika liema reġjuni transfruntiera, kif innotifikat skont l-Artikolu 42b tar-Regolament (UE) 2016/399, huma affettwati mill-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntiera interna.

10.4. **Jekk it-theddida serja tkun tikkonsisti minn movimenti mhux awtorizzati f'daqqa fuq skala kbira (l-Artikolu 25(1), il-punt (c), u 27(3) tar-Regolament (UE) 2016/399):**

Jekk jogħġbok ipprovdi valutazzjoni tar-riskju u informazzjoni dwar il-movimenti mhux awtorizzati f'daqqa fuq skala kbira, inkluż kwalunkwe informazzjoni miksuba mill-Aġenziji tal-Unjoni u analiżi tad-data minn sistemi ta' informazzjoni rilevanti.
Jekk jogħġbok inkludi data kwantitattiva u kwalitattiva, inkluż pereżempju l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u movimenti mhux awtorizzati, kif ukoll informazzjoni dwar in-natura f'daqqa tal-moviment mhux awtorizzat fuq skala kbira, il-pressjoni fuq ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti, il-livell ta' thejjija tal-awtoritajiet kompetenti, ir-riskju probabbli għall-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni.

10.5. **L-Opinjoni tal-Kummissjoni u l-proċess ta' konsultazzjoni (jekk applikabbli)**

Jekk jogħġbok speċifika:
— *x'azzjoni ttieħdet b'reazzjoni għall-opinjoni(jiet) tal-Kummissjoni maħruġa skont l-Artikolu 27a(2) jew 27a(3) tar-Regolament (UE) 2016/399;*
— *x'azzjoni ttieħdet b'reazzjoni għall-eżitu ta' proċess ta' konsultazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 27a(4) tar-Regolament (UE) 2016/399.*

11. **Jekk in-notifika tikkonċerna estensjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni wara sitt (6) xhur f'konformità mal-Artikolu 25a(5) tar-Regolament (UE) 2016/399 (l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2016/399)**

11.1. **Valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità skont il-kriterji stabbiliti l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2016/399**

Jekk jogħġbok imla l-punt 10, filwaqt li tqis il-valutazzjoni preċedenti tan-neċessità u l-proporzjonalità u l-evoluzzjoni tat-theddida serja mill-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

11.2. **L-iskala u l-evoluzzjoni antiċipata tat-theddida serja**

Jekk jogħġbok elabora fuq l-iskala u l-evoluzzjoni antiċipata tat-theddida serja, b'mod partikolari:
— *kemm it-theddida serja hija mistennija li ddum tippersisti;*
— *liema sezzjonijiet tal-fruntieri interni jistgħu jiġu affettwati;*
— *informazzjoni dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni ma' Stati Membri oħra affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mill-kontrolli fuq il-fruntieri interni.*

12. **Jekk in-notifika tikkonċerna estensjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni wara sentejn (2) minħabba sitwazzjoni eċċezzjonali maġġuri (l-Artikolu 25a(6) tar-Regolament (UE) 2016/399).**

12.1. **Valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2016/399**

Jekk jogħġbok imla l-punt 11.

12.2. **X'azzjoni ttieħdet b'reazzjoni għall-opinjoni tal-Kummissjoni maħruġa skont l-Artikolu 25a(6) tar-Regolament (UE) 2016/399 (jekk applikabbli)**

12.3. **X'azzjoni ttieħdet b'reazzjoni għal xi proċess ta' konsultazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 25a(6) tar-Regolament (UE) 2016/399 (jekk applikabbli)**

12.4. **Ġustifikazzjonijiet li jissustanzjaw it-theddida kontinwa għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna**

12.5. **Spjegazzjoni għaliex miżuri alternattivi ma jkunux effettivi**

12.6. **Preżentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni**

12.7. **Fejn jixraq: preżentazzjoni tal-mezzi, l-azzjonijiet, il-kundizzjonijiet u l-iskeda ta' żmien bil-ħsieb li jitneħħew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni**

13. **Kwalunkwe informazzjoni oħra (fakultattiva)**

Pereżempju:
— *dettalji tal-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali ma' Stati Membri oħra*
— *dettalji dwar l-użu ta' miżuri alternattivi (l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/399)*
— *jekk il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23a tar-Regolament (UE) 2016/399 hijiex applikata fil-mument tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni*
— *xi inizjattivi ta' kooperazzjoni bilaterali jew reġjonali, inkluż ma' pajjiżi terzi*

14. **Żamma ta' informazzjoni minħabba sigurtà pubblika (l-Artikolu 27(5) tar-Regolament (UE) 2016/399)**

Jekk jogħġbok indika, sa fejn jippermettu r-raġunijiet ta' sigurtà pubblika, jekk inżammitx xi informazzjoni minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, fil-kunsiderazzjoni tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. *Jekk jogħġbok indika jekk xi informazzjoni notifikata, kompletament jew parzjalment, ġietx ikklassifikata bħala kunfidenzjali skont il-liġi nazzjonali.*

15. **Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni (l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/399.**

Jekk jogħġbok indika u speċifika jekk xi informazzjoni notifikata għandhiex tibqa' kunfidenzjali.